MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 185/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Phyllis Scicluna u Raymond Magri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Jannar, 2004, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sitt liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm106.22) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21652246 (CN1005442), liema servizz gie isntallat fil-fond bin-numru ufficjali "Pompey Bakery", Triq il-Luzzu, Marsaxlokk skond diversi kontijiet mibghuta lilu skond prospett anness ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument A u kuntratt relattiv immarkat bhala Dokument B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tas-16 ta' April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sitt liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm106.22), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------